**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU SITTA U GĦOXRIN**

**10TA' ĠUNJU, 2026**

**Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq fil-18:00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut u s-Sur Daniel Muscat u Jeremy Coleiro.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier Kyle Mifsud

**ASSENTI**

-

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **26.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 26.1.1 | | Il-Kunsill irċieva email mill-Kunsillier Kyle Mifsud li ma setgħax jattendi għas-seduta minħabba raġuni ta' xogħol. ***Dok 1 mehmuż*** |
| | | |
| **26.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 26.2.1 | | Il-minuti numru 25 ġew approvati. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***26.3*** | | ***Komunikazzjoni mis-Sindku*** |
| | | |
| 26.3.1 | | Is-Sindku qalet li:<br>• Ipproponiet li l-Kunsill jifraħ lill-Ministri eletti u lill-Membri Parlamentari eletti, ikluż lill-Onor. Ministru Alison Civelli.<br>• Hi ssuġġeriet ukoll li l-Kunsill jifraħ lis-Sur Ramon Deguara li laħaq Segretarju Permanenti.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 26.3.2 | | Is-Sindku qalet li bħalissa għaddej ħafna xogħol fit-toroq. Ħafna inkonvenjent lir-residenti għax il-kuntratturi qed idumu ħafna biex jagħmlu x-xogħol u hawn ħafna toroq bix-xogħol għaddej fl-istess żmien. Ix-xogħol veru li jrid isir imma l-kuntratturi mhux qed jibdew xogħol u jlestuh. Bħalissa fiż-Żurrieq hawn 8 toroq affettwati u uħud minnhom ilhom mill-bidu tas-sena li inbeda x-xogħol fihom.<br><br>Kien hemm qbil li ġaladarba l-Kunsill jaf (mhux uffiċjalment) li eżempju Triq l-Arċipriet E Mifsud li qed isirilha wiċċ ġdid bħalissa, ser terġa tinqala fi żmien sentejn oħra biex tgħaddi trinka għal riversosmosis, l-Kunsill joġġezzjona u tali email tintbagħat lill-Ministri kkonċernati ukoll. |
| | | |
| 26.3.3 | | Is-Sindku qalet li l-klabb tal-boċċi ser jerġgħa jagħmel tournament għall-Jum iż-Żurrieq. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 26.3.4 | | Is-Sindku qalet li tliet persuni li kienu nominati kienu diġà ħadu ġieh fi żmien preċedenti. Familja minnhom baqgħet tirsisti li din il-persuna tieħu ġieh ieħor. Is-Sindku qalet li fittxet fil-minuti ta' snin preċedenti u sabet li dak iż-żmien tali persuna kienet ħadet Ġieh ogħla mill-Ġieh li jingħata s-soltu (saħansitra t-trofew kien ħafna aktar superjuri, minn dawk li kienu ħadu l-Ġieh dik is-sena) imma fuq it-trofew kienet saret plakka li tgħid 'Rikonoxximent fil-Kultura' minflok 'Ġieh Iż-Żurrieq'.<br>Kien hemm qbil li issir kif issuġġeriet is-Sindku li tinbidel it- tabella minn fuq it-trofew l-i kien ingħata u l-kliem ikun 'Ġieh Iż-Żurrieq 2009' . Is-Sindku stiednet lill-kunsilliera biex jattendu magħha fid-dar tal-anzjani li tinsab din il-persuna li ingħatat il-Ġieh biex hi tippreżentalu l-kliem ġdid għal fuq it-trofew li kien ħa.<br><br>Il-Viċi Sindku qal li Ċelebrazzjoni ta' Ġieh iż-Żurrieq saret pika bejn is-soċjetajiet tal-festi. Dawn in-nies diġà jiġu rikonoxxuti mis-soċjeta tagħhom u m'għandhomx jingħataw rikonoxximent/ġieh mill-Kunsill.<br><br>Is-Sindku ssuġġeriet li jitqabbad avukat biex jinbidlu l-kriterji tal-għoti ta' dan il-premju, ħalli jinqatgħu dawn l-affarijiet. Dawn jiġu diskussi fis-seduta. Kien hemm qbil li ikun l-istess bord li jagħmel dawn il-kriterji. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***26.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 26.4.1 | | Il-Viċi Sindku qal li hu flimkien mas-Sindku ser imorru Angermunde fil-Germanja fuq żjara ta' ġemellaġġ fil-ġimgħa li ġejja. |
| | | |
| 26.4.3 | | Il-Kunsill Daniel Muscat qal li saret *un/loading bay* quddiem il-ħanut tal-Merċa fi Triq Bronja u saret parti minnha quddiem residenti. Tali bay saret minn TM u mhux mill-Kunsill. |
| | | |
| 26.4.4 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li :<br>• tixtieq li jkollha r-ritratti tal-attivita li saret. Kien hemm qbil li dawn jintbagħtu lil kunsill kollu.<br>• Issuġġeriet li tagħti biljetti b'xejn għall-attivita tal-Orkestra li ser issir fit-Teatru Rjali, lill-membri tal-orkestra, biex it-teatru jkun mimli.<br>• Hemm bżonn li meta jiġu riveduti l-pjanijiet tal-ODZ inżommu f'moħħna li l-Gvern reġa ta art ODZ lir-residenti lura fiż-Żejtun. |
| | | |
| 26.4.5 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• faħħar l-attivita taċ-Ċittadin Ewlieni.<br>• Il-ġnien ta' quddiem l-iskola għandu bżonn li jinqata l-ħaxix.<br>• Fi Triq il-Mitħna fit-tarf għal Triq id-Dejqa, qed jitilgħu *wrong way* u meta jiksru lejn il-Mitħna qed jolqtu l-faċċati tan-nies. Ġie ssuġġeriet li jsiru *pole*s għall-protezzjoni tar-residenza. Kien hemm qbil li jsir pole. |
| | | |
| 26.4.6 | | Il-Kunsillier Marilyn Sammut qalet:<br>• Hemm bżonn gates fil-ġnien ta' Triq in-Nigret. Ma kienx hemm qbil.<br>• Il-bandli ta' Triq Fra Gammarie Zammit għandu bżonn fjuri.<br>• Rigward il-bozza ta' Vjal l-Indipendeza kien hemm qbil li niċċekkjaw il-firem tal-petizzzjoni li l-Kunsill kien irċieva **Dok mehmuż**<br>• Biex isiru avviżi fuq fb u fuq il-Kunsill News biex ma jsir parkeġġ quddiem il-garaxxijiet.<br>• Problema tal-ġrieden fiż-Żurrieq. Is-Sindku qalet li l-velenu qed isir fit-tappieri biex ma joħduhomx il-qtates. |
| | | |
| | | |
| 26.4.7 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• Il-kaxxa (junction box) li tneħħiet minn Triq San Bartilmew minn ħaddiema ta' TM, hemm bżonn li terġa issir. It-terzi li ma kellhomx x'jaqsmu mal-kaxxa li kellha titneħħa ma kellhomx jiġu affettwati. Dak li għamlet TM ma jinbidilx ħlief għal *junction box* li kien approva l-istess Kunsill. TM ma kellhomx dritt ineħħu xi ħaġa li kien qabel magħha l-Kunsill. Il-Kunsilliera Marisa D'Amato qalet li dan l-argument tqajjem f'inqas minn 4 xhur oħra u għalhekk il-Kunsill m'għandux jerġa |

| | | |
|---|---|---|
| | | jbiddel qabel jgħaddi ż-żmien. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li m'għandux għalfejn jagħddi ż-żmien għax dan ma kienx każ ta' qbil fil-Kunsill. Kien hemm qbil mill-maġġoranza tal-Kunsill li dan il-punt jitqajjem maż-żewġ residenti involuti qabel isir xi tibdil.<br>• Meta sar xogħol ta' drenaġġ fi Triq San Bartilmew, ir-reinstatment sar fuq it-trinka biss u mhux il-wisa tat-triq kollha. Hemm bżonn li tiġi ikkuntatjata l-entita involuta.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis-seduta fis- 19:20 |
| | | |
| ***26.5*** | | ***SPI/SCI/05/2026 – Komunitatjiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità*** |
| | | |
| 26.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li l-Kunsill japplika biex issir il-kaxxa tar-recycling tal-fliexken u titpoġġa fejn il-cat cafe.<br><br>Din mill-istima li kien ġabar il-Kunsill tiswa aktar minn 2,500E.<br><br>Ma kienx hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***26.6*** | | ***Audited Financial Statements*** |
| | | |
| 26.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-Audited Financial Statement 2025 li ħejjew l-awdituri u l-management letter, flimkien mar-risposta tal-Kunsill Lokali għall-*management letter.* Dawn ġew approvati biex jintbagħtu. |
| | | |
| ***26.7*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.***<br>***Approvazzjonijiet ta' xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| | | |
| 26.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br><br>• Biex issir linja kontinwa f'nofs Triq il-Bronja u f'nofs Vjal l-Indipendenza, biex is-sewwieqa jżommu mas-side tagħhom. Kien hawn qbil fuq dan u li x-xogħol isir minn TM.<br>• Il-Kunsill irċieva talba biex jinġibdu shots għall-film fil-Mitħna tax-Xarolla. Kien hemm qbil fuq dan u li l-ħlas isir.<br>• TM bagħtet pjanta għall-traffic management fi Triq Zaccarija Roncali. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li tali xogħol isir minn PW, biex il-Kunsill jiffranka l-flus. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Resident minn Triq il-Vittmi tan-nar Żrieraq iridu li jsiru *bollards/barrier* mal-faċċata tar-residenza tagħhom, għaliex il-faċċata qed tintlaqtilhom mit-trakkijiet li jgħaddu. Kien hemm qbil li jsiru poles mal-faċċati tar-residenti. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Project green tat ħames telef euro lill-Kunsill Lokali biex tkopri sena ta' żamma u manutenzjoni ta' Ġnien l-Emigranti Żrieraq. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li inġabru stimi tax-xogħol u saret l-ordni lill-orħos offerent. Kien hemm qbil fuq dan. **Dok 2 mehmuż**<br>• Persuna qed titlob li jitneħħa parkeġġ minn mal-crossing ta' Vjal ix-Xarolla, għaliex diffiċli jaraw persuna taqsam minn fuqha, meta jkun hemm vettura pparkjata. Ma kienx hemm qbil li jitneħħa parkeġġ għax jekk tistenna bil-galbu tkun tista taqsam.<br>• Ħarġet applikazzjoni ta' interess biex isiru korsijiet tal-first aid fuq l-annimali. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li applikat f'isem il-Kunsill Lokali.<br>• Residenta minn Sqaq San Gwann qed titlob li jsir wiċċ ġdid lill-isqaq minħabba l-istat ħażin li jinsab fih. Kien hemm qbil li jsir meta jitlesta Sqaq l-Iben il-Ħali.<br>• Tressqet draft ta' oġġezzjoni fuq applikazzjoni PA3292/26 li jinsab fi Triq Rokku Buhagiar. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Intalab permess biex jinbena *boundary wall* ma' dar li ser titwaqqa u issir bankina 'l barra mill-ħajt ta' metru u 20 ċentimetru, fi Triq Fra Ġammarie Zammit k/m Triq 16 ta' Lulju. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Tressqet lista ta' ilmenti/suġġerimenti fuq il-linji tat-traffiku. Kien hemm qbil fuq il-lista kollha minbarra fuq suġġeriment wieħed. ***Dok 3 mehmuż*** |
| | | |
| | | |
| 26.7.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ittra iffirmata minn Dr Stefan Zrinzo Azzopardi fejn irringrazzja lilha, lis-Sindku u lill-Kunsill kollu għall-ħidma li twettqet flimkien miegħu. Hu żied billi jawgura lill-Kunsill kollu f'ħidmietu.<br><br>Kien hemm qbil li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lil Dr Zrinzo Azzopardi biex il-Kunsill jirreċiprika r-ringrazzjament u l-awguri. |
| | | |
| ***26.8*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.*** |
| | | |
| 26.8.1 | | Tressqu il-minuti tar-Reġjun Punent numri 61 u 62. |
| | | |
| ***26.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 26.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta'€158,558.85<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Marisa D'Amato u Daniel Muscat |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***26.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS u TAL-LAQGĦA ANNWALI*** |
| | | |
| 26.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:20. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 29 ta' Lulju, 2026 fil-6:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' Lulju, 2026

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**